# ID-DJALETT NADURI

## (Introduzzjoni)

**Mary Joyce Said, B.A. Malti (Unuri)**

*"kull kelliem huwa kelliem ta' mill-inqas djalett wieħed"* [1]

Id-djalett Naduri, bid-differenza ta' xi djaletti oħrajn huwa wieħed ħaj u qawwi fost il-kelliema Nadurin, tibda mit-tfal, żgħażagħ u tasal sa nies imdaħħlin fiż-żmien. Kitbiet dwar ir-raħal tan-Nadur insibu mhux ftit. Jekk nirreferi għaż-żewġ volumi ta' Alexander Bonnici O.F.M. Conv. li l-punt immirat lejh huwa dak storiku, jolqot bosta oqsma oħrajn konessi man-Nadur fosthom il-ġeografija, il-ħajja soċjali, l-edukazzjoni u l-bqija. Madankollu kitbiet b'tagħrif lingwistiku dwar id-djalett li jintuża fil-ħajja ta' kuljum ftit li xejn issib.



San Filep, Daħlet Qorrot

Qabelxejn, f'dan l-artiklu se nagħti tagħrif dwar x'nifhmu meta ngħidu l-kelma 'djalett'. Kull lingwa tħaddan fiha għadd ta' varjetajiet lingwistiċi li nirreferu għalihom bit-terminu 'djalett'. F'dan il-qasam, nistgħu ngħidu li fil-lingwa Maltija nsibu ammont sostanzjali ta' varjetajiet differenti, meta wieħed iqis iċ-ċokon ġeografiku ta' Malta.[2] Bl-istess mod, fil-gżira Għawdxija, wieħed ma jimmaġinax li ħa jsib varjetajiet lingwistiċi li jvarjaw bejn raħal u ieħor. Anzi huwa maħsub li f'Għawdex issib djalett wieħed biss li jitkellmu bih in-nies tal-gżira kollha. Madankollu, jekk wieħed jistudja kelliema minn irħula differenti f'Għawdex jirrealizza li dan mhuwiex minnu.

Id-djalett, fih innifsu huwa forma ta' identità jew aħjar kif isejjaħlu Thomas 'a linguistic badge' għaliex permezz tal-varjetà li wieħed juża jkun qed jagħti indikazzjoni ta' min hu, minn fejn hu kif ukoll ma' liema komunità jagħmel parti.[3] Fil-fatt Sciriha tkompli tenfasizza dan il-punt billi tgħid li d-djalett bla dubju ta' xejn huwa wieħed mill-iktar indikazzjonijiet b'saħħithom li juru l-identità u l-oriġini ta' individwu.[4]

Ta' min jinnota li xi drabi d-djalett għandu marbut miegħu konnotazzjonijiet negattivi minħabba li huwa meqjus bħala lingwaġġ inferjuri, devjazzjoni minn normali u assoċjat ma' nies b'livell baxx ta' edukazzjoni. Apparti minn hekk l-użu tad-djalett fost iż-żgħar huwa maħsub li ma jeżistix iżda għal min jgħix fin-Nadur jinduna li din hija idea żbaljata. Komplejt nikkonferma dan waqt intervista ma' għalliema ta' tfal bejn erba' u ħames snin fejn stqarret li l-maġġoranza tat-tfal jitkellmu bid-djalett kemm ma' sħabhom tal-klassi kif ukoll meta jistaqsu fil-klassi.



Ir-Ramla

Dan mhuwiex preġudizzju li nsibuh biss hawn Malta imma tista' tgħid li jeżisti kull fejn insibu l-qasma bejn dik li hija lingwa standard

u d-djaletti. Għall-kuntrarju ta' dan, it-terminu 'djalett' għal-lingwisti ma jħaddanx din id-definizzjoni. Dan għaliex huma jsostnu li m'hemmx varjetajiet li huma superjuri għal xulxin iżda kull varjetà hija meqjusa korretta b'mod indaqs. Fuq kollox, wieħed tajjeb li jżomm f'moħħu li kull varjetà ta' lingwa hija forma djalettali. Minħabba din ir-raġuni, ilkoll kemm aħna nitkellmu xi għamla ta' djalett tal-lingwa nattiva tagħna li jintrabat mar-raħal jew post li tkun tgħix fih.



In-Nadur

Id-djalett Naduri jagħti identità lill-kelliem Naduri għaliex jiddistingwi ruħu mhux biss minn djaletti f'Malta iżda wkoll minn djaletti f'Għawdex. Għalhekk huwa xieraq li jingħata attenzjoni kif ukoll apprezzament daqs il-bqija ta' l-oqsma l-oħra. Wieħed ma jiċħadx il-fatt li ż-żminijiet jinbidlu u hekk tagħmel il-lingwa, madankollu fih innifsu xorta jiġbor xhieda ħajja ta' kif kienu jitkellmu ta' qabilna. Għaldaqstant, il-ġenerazzjoni tal-lum tħaddan f'idejha responsabbilitajiet għall-ġenerazzjonijiet futuri. Hekk kif għaddewhulna missirijietna, aħna wkoll nistgħu ngħadduh lil ta' warajna!



San Blas

Riferenzi


[1] Chambers, J.K. & Trudgill, P. (1990) *Dialectology* p. 3 *"...all speakers are speakers of at least one dialect"*
[2] Borg, A. (1988) *Ilsienna: Studju Grammatikali* p. 3
[3] Thomas, L. (2004) 'Language, Society and Power' *f' The Standard English Debate* (2[ni] ed.)
[4] Lydia Sciriha (1996) *Beginning Maltese* p. VII


* L-artiklu huwa addattament minn teżi mhux pubblikata, Said, M.J. (2007) *In-Naduri: Is-sistema Vokalika u Differenzi Lessikali.*


Nadur Pharmacy

Tawgura l-festa t-tajba lin-Nadurin kollha!

**Pjazza 28 ta' April 1688, Nadur - Tel: 21563589**

**RAY'S CATERING SERVICE**

*Caterer for all occasions*
***Contact: Mr. Ray Vella***

*"Dawn"*
*Guzè Ellul Mercer Street,*
*Nadur, NDR 104 - Gozo.* *Tel/Fax: 2155 3543*

TA' KENUNA BAR & RESTAURANT

Triq it-Torri ta' Kenuna, Nadur.
Tel: 2156 3566 / 2155 1645
Mob: 7955 1645 / 7956 4017

***Jawgura l-Festa t-Tajba lill-Poplu Naduri***